**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 16 ta' Jannar 2025**

**Rikors Numru 295/2021**

**Geoffrey sive Jeffrey Caruana detentur tal-liċenzja Awstraljana bin-numru 014172353,**
**Mark Caruana K.I. 555082M,**
**Doris Caruana K.I. 473746M,**
**Emanuel sive Lorry Caruana K.I. 29248M,**
**Lucianne Ciantar K.I. 298366M,**
**Mario Brincat K.I. 88564M,**
**Michael Caruana detentur tal-Passaport Awstraljan bin-numru L3264741,**
**Joseph Caruana detentur tal-passaport Awstraljan bin-numru M13128778,**
**Richard Borg K.I. 78046M,**
**Dorianne Borg K.I. 166078M,**
**Sharon Mennie K.I. 141880M,**
**Sylvana Kinmont K.I. 1779769M,**
**Helen Borg K.I. 274751M,**
**Alexander Borg K.I. 607957M,**
**Josephine Bezzina K.I. 225648M,**
**Carmen Preca K.I. 478551M,**
**Saviour Caruana K.I. 620652M,**
**Helen Caruana detentriċi taċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 2497/1955,**
**Doris Attard K.I. 262557M,**
**Emanuel Caruana K.I. 619059M,**
**Jacqueline Saliba K.I. 1965M,**
**Jesmond Caruana K.I. 195266M,**
**Maria Carmela Caruana Scovino K.I. 43948M,**
**Josephine Schembri K.I. 537449M,**
**Helen Caruana K.I. 331051M,**
**Mary Rose Rotin K.I. 242354M,**
**Mario Caruana K.I. 391956M,**
**Mario Muscat K.I. 457554M,**
**Angelo Muscat K.I. 297051M,**
**Adelina Spiteri K.I. 233135M, u stante l-mewt ta' Helen Caruana, permezz ta' digriet datat 26 ta' Lulju 2022, l-atti gew trasfuzi f'isem Josephine**

**Bezzina, Carmen Preca, Salvinu Caruana, Doris Attard, Emanuel Caruana, Jacqueline Saliba u Jesmond Caruana**

**vs**

**Ir-Reverendu Dun Moses Borg K.I. 305846M**
**u għal kull interess li jista jkollhom:**
**Edwin Borġ K.I. 0451872M;**
**Roderick Borġ K.I. 0415478M;**
**Salvina armla Borġ K.I. 0195246M;**
**Doris miżżewġa Giordmaina K.I. 224254M;**
**Rita Borg K.I. 745357M;**
**Elia Borg K.I. 29048M;**
**Martin Borg K.I. 0131873M;**
**Sandra Gatt K.I. 0199595M;**
**Antonia armla Borġ K.I. 369047M;**
**Maria Dolores Buħagiar K.I. 362553M;**
**Joseph Muscat K.I. 783657M;**
**Carmel Muscat K.I. 458861M;**
**Lewis Borg K.I. 0421676M;**
**Roberta miżżewġa Pirotta K.I. 023380M;**
**Adrian Borg K.I. 0003489M u stante l-mewt ta' Elia Borg, b'digriet tas-27 ta' Novembru 2023 l-atti gew trasfuzi f'isem Maria Grezzja sive Grace Borg K.I. 0661148M, Christopher Borg K.I. 0319777M, Elaine Zahra K.I. 0190579M u Etienne Borg K.I. 12781M**

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti ppreżentat fit-8 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi dan huwa hu rikors a tenur tal-artikolu 16(4) tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti kif ukoll l-intimati huma propjetarji tal-garaxx bin-numru 66,Triq Sant'Andrija, Ħal Lijia. Illi din il-propjeta kienet oriġinarjament tappartjeni lil Nicola u Elena konjugi Caruana. Illi Elena Caruana mietet fl-erbatx ta' Novembru elf disa' mija sebgħa u ħamsin (14/11/1957) u bit-testment tagħha unica charta fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti tas-sebgħa u għoxrin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgħin (27/10/1940) hija nnominat bħala eredi universali tagħha lil uliedha kollha Salvatore, Maria Assunta, Maria Stella, Paolo, Giuseppe, Cesarina u Adelina, aħwa Caruana, filwaqt li Nicola Caruana miet fl-għaxra ta' Frar tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (10/2/1973) u in forza tat-testment tiegħu fl-atti tan-*

*Nutar Paul Pelligrini Petit tas-sittax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgħin (16/7/1970), fost affarijiet oħra huwa nnomina bħala eredi universali tiegħu lis-seba' uliedu gja imsemmija.*

*3. Illi l-partijiet huma lkoll l-eredi tas-seba' ulied ta' Nicola u Elena konjugi Caruana kif jista' jintwera fil-kors ta' dina l-kawża.*

*4. Illi dan il-garaxx hu preżentament mikri lill-intimat ir-Reverendu Dun Moses Borġ versu l-kera annwa oriġinali ta' LM 45 ossia € 104.82 fis-sena. Madankollu, preżentament, l-intimat Reverendu Dun Moses Borg qed iħallas biss €43 fis-sena. Din il-kirja bdiet qabel l-1995.*

*5. Illi permezz ta' ittra tat-12 t' Awwissu 2020, ir-rikorrenti infurmaw lill-intimat illi huma mhumiex disposti illi jġeddu l-kera tal-istess garaxx sakemm il-kera ma titlax għas-somma ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) fis-sena għat-terminu li jmiss tal-kera. Illi minkejja din it-talba, ma kienx hemm qbil da parti tal-intimat Reverendu Dun Moses Borg.*

*6. Illi r-rikorrenti jixtiequ jitolbu l-awtoriżazzjoni ta' dan l-Onorabbli Bord sabiex ma jġeddux din il-kirja u wkoll sabiex jirriprendu l-pussess tal-istess garaxx, u dana a tenur tal-Artikolu 1531H tal-Kap.16, tal-Liġijiet ta' Malta.*

*7. Illi inoltre, kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, l-intimat ma ħallasx il-kera kif kien pattwit u minflok is-somma ta' €104.82 fis-sena, dan kien qed iħallas biss €43 fis-sena.*

*8. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord jogħġbu:*

*(a) Jiddikjara illi l-intimat Dun Moses Borġ ma għandux il-jedd ikompli iġedded il-kirja tal-garaxx bin-numru 66, Triq Sant Andrija, Ħal Lija, u*

*(b) Jagħti lil intimat Dun Moses Borġ żmien perentorju sabiex jiżgombra minnu;*

*(c) Jillikwida l-ammont ta' arretrati ta' kera li huwa dovut mill-intimat Borġ mill-bidu tal-kirja de quo sal-ġurnata tal-lum u*

*(d) Jordna lill-intimat Borġ iħallas l-ammont ta' arretrati hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati. Liema intimati huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Ra illi permezz ta' digriet datat 19 ta' Lulju 2021, il-Bord ordna notifika tar-rikors ippreżentat minn Geoffrey sive Jeffrey Caruana et permezz ta' Uffiċjal tal-Qorti lill-intimati bi żmien għoxrin (20) jum għar-risposta b'dana illi wara

li jgħaddi tali terminu r-rikorrenti ġew ordnati jippreżentaw l-affidavits kollha tagħhom u prospett li fih jindikaw l-arretrati reklamati mhux iktar tard mill-ewwel seduta, kif ukoll appunta l-kawża għas-smigħ għas-seduta tas-16 ta' Novembru 2021;

Ra r-risposta **tar-Reverendu Dun Moses Borg** ippreżentata fil-11 ta' Awwissu 2021, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, ir-rikorrenti preżentaw il-kawża bħal li kieku huma ilkoll residenti f'indirizz wieħed. Ir-rikorrenti qed jitlob illi kull rikorrenti jindika l-indirizz residenzjali tiegħu skont ma titlob il-Liġi;*

2. *Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll, jirriżulta li xi wħud mir-rikorrenti ma jirrisjedux f'Malta iżda jirrisjedu f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant għandu jinħatar kuratur sabiex jirrapreżenta l-interessi ta' dawn ir-rikorrenti;*

3. *Illi fit-tielet lok u in linea preliminari wkoll, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom fuq l-immobli in kwistjoni;*

4. *Illi fir-raba lok, u in lineari preliminari wkoll, ir-rikorrenti għandhom iġibu prova illi bħala (suppost) kompropjetarji ta' dan il-garaxx ma' terzi huma għandhom il-jedd li waħedhom jippromwovu din il-kawża;*

5. *Illi fil-ħames lok u fil-mertu, assolutament m'huwiex minnu illi l-kera tal-garaxx tammonta għas-somma ta' Euro 104.82 fis-sena, iżda bħala stat ta' fatt l-esponenti kien qed iħallas (u r-rikorrenti dejjem aċċettaw)il-kirija korretta ossija dik ta' Euro43 fis-sena. Konsegwentament m'huma dovuti ebda arretrati;*

6. *Illi fis-sitt lok u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqq jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess.*

7. *Salv eċċezjonijiet ulterjuri skond il-Liġi.*

Ra li l-bqija tal-intimati debitament notifikati ma ppreżentaw ebda risposta;

Sema' lill-partijiet;

Ra n-nota ta' ċessjoni tar-rikorrenti ppreżentata nhar id-29 ta' April 2024 seduta stante li permezz tagħha ċedew it-talba enumerata (ċ) u it-talba enumerata (d) fir-rikors promutur tagħhom (a fol. 230);

Ra id-dokumenti u l-atti proċesswali;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Il-Bord jibda billi jinnota illi hekk kif għadu kif ġie rrimarkat hawn fuq, jidher illi *ad eccezione* tal-intimat ir-Reverendu Dun Moses Borg, għalkemm l-intimati kienu debitament assistiti huma ma ppreżentaw l-ebda risposta. Fil-fatt l-unika risposta illi jirriżulta illi ġiet intavolata entro t-terminu ta' għoxrin jum kienet proprju dik tar-Reverendu Dun Moses Borg (a fol. 12). Għalkemm mill-atti jidher illi l-intimati kollha kienu debitament assistiti waqt is-seduti mill-istess Avukat/i, il-Bord ma jistax jassumi illi l-istess risposta illi ġiet intavolata mir-Reverendu Dun Moses Borg hija ukoll ir-risposta tal-kumplament tal-intimati.

Biss pero' hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn l-intimati tramite l-Avukat tagħhom ippreżentaw ukoll il-provi tagħhom fil-mori tal-kawża.[1] Il-Bord jagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Oliver Magri et vs Alfred Wingfield** deċiża mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar it-30 ta' Settembru 2022 fejn minkejja illi l-intimat kien debitament assistit huwa ma ppreżenta l-ebda risposta in atti u għaldaqstant peress illi huwa la ressaq risposta u lanqas ippreżenta provi, il-Bord iddikjarah kontumaċi. Il-Bord jirrileva ukoll illi huwa ben saput illi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera l-kunċett ta' kontumaċja mhux tassattiv bħal fil-każ tal-Qrati Superjuri[2] u dan stante li l-Liġi tal-Kera tipprovdi għan-nuqqas ta' formalita tal-proċeduri u għalhekk il-kontumaċja tal-intimati mhix awtomatika *salvo che* l-intimati jibqgħu tul il-proċeduri la jippreżentaw risposta u lanqas jidhru sabiex jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti.[3]

Wieħed allura jista' jargumenta *a contrario sensu*, illi fil-każ li għandu quddiemu dan il-Bord peress illi l-intimati ppreżentaw il-provi kif ukoll stante illi l-kontumaċja mhix tassattiva ma jistax jiddeduċi illi huma kontumaċi. Inoltre, il-Bord josserva wkoll illi l-kontumaċja ġiet rinunzjata mir-rikorrenti u dan għaliex huma ppermettew lill-intimati jipparteċipaw b'mod attiv fis-smiegħ tal-kawża u għaldaqstant l-istess rikorrenti impliċitament irrinunżjaw għall-effetti tal-kontumaċja u aċċettaw il-kontestazzjoni fil-meritu.[4]

---

[1] A fol.157 et seq tal-atti proċesswali.

[2] Ara pereżempju

[3] Ara **Patricia Curmi et vs. Samuel Brown**, Bord li Jirregola l-Kera, per Maġistrat Dr. Monica Vella, 17 ta' Jannar 2023.

[4] Ara l-Appell Ċivili fl-ismijiet: **Michael Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil & Petroleum Co Limited vs Frank Sammut bhala Chairman u Tarcisio Mifsud bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited** deċiż fis-27 ta' Ġunju 2014, fejn ingħad:

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ipproċedew b'din il-kawża sabiex jiżgombraw lill-intimat mill-garaxx numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal Lija. In oltre talbu wkoll lil dan il-Bord jiddikjara illi l-intimat Dun Moses Borg m'għandux jedd ikompli jġedded il-kirja tal-garaxx bin-numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal-Lija.

**L-intimat ir-Reverendu Dun Moses Borg** prodott in subizzjoni, xehed illi huwa qatt ma daħal fil-garaxx 66, Triq Sant' Andrija, Ħal-Lija. Il-post mhux tiegħu u li jekk forsi daħal fil-garaxx kien qabel l-1964. Spjega li forsi daħal meta kien tifel ċkejken. Qal li huma familja ta' ħamsa u l-post jgħajjat lill-ħamsa f'daqqa. Spjega illi hemm erba' ħutu oħra li huma ħuh il-kbir mejjet, Charlie Borg; Salvu Borg, mejjet ukoll; Elija Borg li twieled fl-1948 u oħtu Doris Borg, miżżewġa Giordmaina. Meta mistoqsi jekk il-kirja jħallashiex hu biss, huwa qal li mhux kapaċi jirrispondi. Żied jghid li ma jafx min qed imur il-Qorti u jiddepożita l-flus f'ismu. Huwa stqarr li ma għandux karozza u l-aħħar li daħal fil-garaxx kien fl-1964 qabel ma daħal is-Seminarju u li minn dakinhar ma jafx x'sar fil-garaxx.

Huwa stqarr illi ma rċeviex ittri mingħand is-sidien dwar dan il-garaxx u li l-posta tiġih fejn huwa joqgħod, u ċioe 5, Triq il-Forn, Ħal-Lija. Meta muri ittra datata 12 ta' Awwissu 2020 mibgħuta fl-indirizz 5, Triq il-Forn, Ħal-Lija, liema ittra ġiet esebita bħala **Dok. CZ1**, u mistoqsi dwar jekk jiftakarx xi ħaġa dwarha, jgħid li jista' jkun illi rċeviha, pero` ma ftakarhiex, imma jaf biha. In oltre żied jgħid iżda illi ċ-ċifri 'LM 45' u €104.82' mhumiex eżatti kif indikati fl-ittra. Spjega li kienu qalulu bil-kontenut tal-ittra, imma l-ittra għaddiha lil oħtu li marret għand Avukat, u qaltlu bil-kontenut. Stqarr li min niżżel l-informazzjoni niżżilha ħażin.

Ix-xhud kompla jgħid illi huwa proprjetarju ta' 1/5 tal-garaxx in kwistjoni. Spjega illi l-ittra msemmija ikar 'il fuq ma rrispondihiex għax meta jkollu ittra jgħaddiha lill-Avukat.

Meta x-xhud ġie muri ittra oħra datata 12 ta' Mejju 2021, liema ittra ġiet esebita bħala **Dok. CZ2**, huwa qal illi jista' jkun irċeviha u jista' jkun li le. Żied jgħid li hu ma jgħaddix flus għall-kera, u ċioe il-ħlas ta' €43 ma joħroġ xejn minnu iżda jibgħat kollox għand Doris Giordmaina u hi timxi skont l-Avukat.

---

Il-kontumacia tista' dejjem tigi gustifikata u anke irrinunzjata mill-attur, u meta, bhalma gara f'dan il-kaz, l-attur jippermetti lill-konvenut jippartecipa b'mod attiv fis-smiegh tal-kawza, l-istess attur ikun qieghed implicitament jirrinunzja ghall-effetti tal-kontumacia u jaccetta kontestazzjoni fil-meritu.

Qal li mhux hu jmexxi imma oħtu tmexxi u titratta fuq flus. Meta mistoqsi għalfejn ma jridx jirritorna l-garaxx lura, huwa qal li qatt ma użah u ma jafx għalfejn il-ħlasijiet saru f'ismu. Jistqarr li qabdu u tefgħu ismu u lilu ma avżawhx. Jgħid li dwar ir-ritorn tal-garaxx huwa jimxi kif timxi oħtu u l-Avukat tagħha. Meta mistoqsi għalfejn matul is-snin il-flus tefagħhom il-Qorti, huwa jgħid li din ma jidħolx fiha personali u li bħala qassis jżomm dawn l-affarijiet 'il bogħod minnu.

**L-intimat Roderick Borg** prodott mir-rikorrenti, xehed illi ma tantx jaf dwar il-garaxx 66, Triq Sant' Andrija, Ħal Lija. Jgħid illi huwa t-tifel iż-żgħir mill-familja. Meta mistoqsi bin min jiġi huwa stqarr li huwa it-tifel ta' Carmelo Borg li illum il-ġurnata huwa mejjet filwaqt li ommu jisimha Salvina. Stqarr illi jiftakar lil missieru jgħid li dan kien garaxx kien tan-nanna u li kulħadd kien jużah biex ipoġġi l-għodda – kemm missieru u kemm il-kuġini tiegħu. Meta mistoqsi jekk għandux xi sehem fuq dan il-garaxx huwa qal illi missieru kienu jgħid li għandu sehem. Qal li issa peress li missieru miet jaħseb li hemm xi sehem.  Stqarr li Dun Mose Borg huwa z-ziju tiegħu, u ċioe` ħu missieru.

**L-intimata Sandra Gatt**, prodotta mir-rikorrenti, xehdet illi hija l-akbar mill-kuġini. Spjegat li missierha (illum mejjet) kellu Hillman u kienu jmorru jipparkjawha ġol-garaxx bin-numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal Lija. Stqarret li huma joqogħdu Birkirkara u kienu jinżlu lura bir-rota. Qalet li missierha kien jismu Saviour Borg u kien ilu disa' snin mejjet u li kellu xi drittijiet, titolu jew xi sehem fuq dan il-garaxx.  Wara li miet missierha bdew jirċievu l-karti hi u ħuha. Hija stqarret li Dun Mose huwa z-ziju tagħha u ċioe ħu missierha.

**L-intimata Doris Giordmaina**, prodotta mir-rikorrenti xehdet illi l-garaxx bin-numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal Lija kien ilu mikri lil ommha u missierha li jisimhom Carmelo Borg u Sunta Borg mill-bidu tas-sittinijiet mingħand in-nannu tagħha.  Spjegat li n-nannu kienu jismu Nikola Caruana u hija waħda mill-werrieta min-naħa ta' ommha Sunta. Stqarret illi hija tiġi oħt l-intimat Mose Borg.

Fi stadju ta' provi tal-intimati, Doris Giordmaina ddikjarat, permezz ta' affidavit, illi hija waħda mis-sidien kif ukoll waħda mill-inkwilini tal-garaxx numru 66, Triq Sant Andrija, Ħal Lija. Iddikjarat ukoll illi l-kawża ma kellhiex tinfetaħ biss fil-konfront ta' ħuha Dun Mose għaliex kif iddikjara huwa stess, ma jagħmilx użu minnu. Spjegat li ħuha llum huwa anzjan ta' sebgħa u sebgħin (77) sena u sfortunatament ibati mid- dimensja. Hija stqarret illi ma huwa veritier xejn illi huma bħala inkwilini, u ċioe' hija u ħutha, u issa anke it-tfal ta' ħutha, jħallsu inqas kera għall-garaxx minn dik dovuta.  Kif jidher mill-ktieb tal-kera li ġie esebit bħala **Dok. A** mal-affidavit tagħha, il-kirja għal dan il-garaxx fil-bidu kienet tnax-il lira Maltin (LM12), imbagħad telgħet għal

erbatax-il lira Maltin u għoxrin ċenteżmu (LM14.20) u wara ħmistax-il lira Maltin (LM15) fis-sena. Stqarret illi illum huma jħallsu sitta u erbgħin ewro (€46) fis-sena. Kompliet tgħid illi wieħed mis-sidien, u ċioe' Carmel Muscat, jgħix u jagħmel użu mill-garaxx in kwistjoni, liema garaxx jifforma parti mid-dar mikrija lilu kemm bħala inkwilin kif ukoll bħala sid, u ilu jagħmel użu minnu għal dawn l-aħħar tletin sena, flimkien magħhom. Għalhekk issostni li mhux ġust illi l-kirja tiġi terminata.

In kontro-eżami is-Sinjura Giordmaina kkonfermat illi l-inkwilin ta' dan il-garaxx mhuwiex biss ħuha Dun Mose imma hemm hi u ħutha l-oħrajn, illum mejtin, li pero` wirtuhom uliedhom. Hi tħallas il-kera. Spjegat illi ċ-ċedoli ta' depożitu dejjem saru f'isem Dun Mose Borg għax meta għamluha l-ewwel darba ma kellhomx lil min iħallsu l-kera u l-Avukat tagħha Dr. Chris Cardona għamel iċ-ċedola fuq Dun Mose Borg peress li hu kellu d-dar ukoll. Qalet li ċ-ċedoli mhux dejjem saru f'isem Dun Mose Borg għax fil-fatt meta tat il-kera lil Josette kitbitha li f'isem ħutu subien u oħtu. Ikkonfermat li kien biss fid-9 ta' Lulju 2019 li nħarġet riċevuta fuq isem ħut Dun Mose Borg ukoll (riċevuta a fol. 192) għax imbagħad bdew iħallsu l-Qorti. Ċaħdet illi hi ma riditx tħallas il-kera jekk ma jiġix imniżżel '*on behalf of his brothers and sisters*' fir-riċevuta. Wara d-9 ta' Lulju 2019 hi bdiet tiddepożita l-flus il-Qorti fuq parir tal-Avukat tagħha Dr. Chris Cardona. Fuq mistoqsija tal-Bord qalet illi mal-Avukat Chris Cardona iddepożitaw kera il-Qorti mill-2007 sakemm ħareġ għall-elezzjoni. Iddikjarat li mhux veru illi dan il-garaxx ma jintuża minn ħadd minn ħut Dun Mose' Borg, anzi qalet li sa sena qabel hi kellha l-karozza ġo fih. Stqarret li llum il-ġurnata minħabba ċirkostanzi ta' mard mhux qed idaħħal il-karozza fil-garaxx in kwistjoni imma qed tħalliha wara l-bieb. Iddikjarat li l-kuġin tagħha idaħħal il-mutur fil-garax, u li pero` dan ma sarx bil-permess tagħha għax iċ-ċavetta qabdu u żammewha. Stqarret li huma kienu joqogħdu fid-dar in kwistjoni u li kemm hemm il-*meters* tad-dawl u l-ilma ġol-garaxx imma meta n-nannu bidlilhom id-dar minħabba ċerti ċirkostanzi, iz-zija tagħha żammet iċ-ċavetta u t-tfal tagħha qabdu u daħħlu l-karozzi ġo fih. Stqarret li fil-garaxx kien hemm l-għodda għax il-garaxx kien mikri għall-għodda, liema għodda sparixxiet mill-istess garaxx. Żiedet tgħid li meta hija xtrat il-karozza ma setgħatx iddaħħalha għax sabet żewġ karozzi ġol-garaxx, pero' kkonfermat li f'xi żmien kienet daħħlitha l-karozza fil-garaxx. Stqarret li l-kuġin tagħha jismu Carmelo Muscat.

In ri-eżami stqarret illi Carmelo Muscat jgħix fid-dar li hemm il-garaxx jinfed magħha.

**L-intimat Edwin Borg**, prodott mir-rikorrenti xehed illi ma tantx jaf dwar il-garxx numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal-Lija. Mistoqsi mill-Bord x'jismu

missieru huwa wieġeb illi jismu Carmelo Borg. Stqarr li ma jafx min kellu l-pussess ta' dan il-garaxx illum il-ġurnata.

**L-intimat Martin Borg**, prodott mir-rikorrenti xehed illi dwar il-garaxx numru 66, Triq Sant' Andrija, Ħal Lija jaf li hemm xi ħaġa mal-familja ta' missieru imma ma jaf xejn fuqu. Stqarr li Dun Mose huwa ħu missieru, u ċioe` zijuh. Assuma illi z-ziju tiegħu Dun Mose kellu l-pussess tal-garaxx peress li t-taħrika qiegħda fuqu, pero` ma kienx jaf min qed juża l-garaxx. Huwa qatt ma daħal ġol-garaxx u ma kienx jafx x'hemm ġo fih.

**Josette Ritchie,** xehdet illi Adelina Spiteri hija ommha. Hija ilha tieħu ħsieb il-kuntatti mal-Avukat kemm ilhom li bdew joħorġu l-flus il-Qorti, u ċioe` mill-2018. Ikkonfermat li kienet preżenti għal xi laqgħa mal-partijiet kollha ta' kif ħa jirċievu l-kera. Iddikjarat illi l-garaxx oriġinarjament kien mikri lill-ġenituri ta' Dun Moses li huma Sunta u Karmnu imma huma ma kinux jużawh. Omm Dun Moses u ommha kienu aħwa. Spjegat li l-kera dejjem tpoġġiet il-Qorti u meta murija r-riċevuta li tinsab a fol.192 tal-atti proċesswali stqarret illi dik id-darba biss ma ġietx depożitata l-Qorti. Hija għarfet il-kitba tagħha fuq ir-riċevuta li tinsab a fol. 192 u qalet li kellha tikteb hekk għax Doris Giordmiana kienet qaltilha li "jekk ma tiktibhiex ħa nitfagħhom il-Qorti nerġa'." Stqarret illi Carmelo Muscat joqgħod bieb ma' bieb mal-garaxx iżda l-garaxx ma jinfidx għax hemm bieb magħluq. Iddikjarat ukoll illi l-mutur ta' Carmelo hi qatt ma ratu imma qalulha illi jdaħħlu fil-garaxx. Hija stqarret li qatt ma tmur għandu imma ġieli kellmitu, pero` qatt ma daħlet fil-garaxx u ma tafx x'hemm.

**Carmelo Muscat,** permezz ta' affidavit, iddikjara illi huwa jiġi sid il-post li hemm interkonness mal-garaxx li jinsab fl-indirizz 66, St. Andrew's Street, Lija. Stqarr li ilu residenti hemmhekk sa mill-1964 u qablu kienet tgħix hemmhekk Doris Giordmaina, flimkien m'ommha u missierha u ħutha. Żied jgħid li hu għandu problema bin-nifs, nuqqas ta' ossiġnu u li bilfors irid jagħmel użu minn *concentrator* f'kull ħin u kull mument, 24 siegħa kuljum. Iddikjara illi l-garaxx jużah kuljum u li fil-fatt idaħħal il-mutur hemmhekk, liema garaxx huwa interkonness mad-dar permezz ta' bieb illi kien ilu miftuħ kemm ilu mibni l-garaxx. Żied jgħid illi r-raġuni għalfejn illum l-istess bieb huwa magħluq bil-*partition* hija illi l-garaxx għamel xi żmien, fl-imgħoddi, mikri għand xi ħadd taż-żibel meta l-post kien għadu għand missier Doris. Din il-*partition* ma neħħihiex għax il-garaxx u l-bieb ta' barra jmissu ma' xulxin iżda qal illi għad hemm il-fetħa tal-bieb interkonnessa u hemm anke il-bieb. Iddikjara wkoll illi hemm tieqa fl-istess garaxx illi tiftaħ għal fuq il-bitħa tiegħu fuq l-istess sular. Stqarr illi fl-imgħoddi meta kien inkera lil missier u omm Doris, huma kienu għadhom jgħixu hemhekk fid-dar fejn illum jgħix hu. Meta n-nannu biddlilhom id-dar u ċioe, meta huwa mar f'din id-dar u huma

marru flokhom, Ħal Lija stess viċin id-dar tiegħu, in-nannu tiegħu kien ftiehem verbalment ma' missier u omm Doris illi l-garaxx, għalkemm ser jibqa' mikri għandhom, kemm ommu u kemm missieru u eventwalment hu, setgħu jibqgħu jużawh ukoll. Stqarr li fil-fatt anke ħutu għamlu żmien jużaw dan il-garaxx pero', meta kibru kulħadd mar għal rasu, u l-garaxx baqa' għandu biss. Iddikjara wkoll illi huwa wieħed mis-sidien ta' dan il-garaxx u anke tad-dar fejn huwa jgħix. Stqarr li għaldaqstant huwa nġust illi r-rikorrenti trid teħodlu dan il-garaxx meta huwa parti integrali mad-dar tiegħu u ilu jagħmel użu minnu sa minn meta daħal jgħix fid-dar, u qablu, missieru u ommu u wara ħutu u eventwalment hu.

**Ikkunsidra:**

Illi jirriżulta illi l-garaxx in kwistjoni kien iddevolva fuq Salvatore, Maria Assunta, Maria Stella, Paolo, Giuseppe, Cesarina u Adelina aħwa Caruana wara li wirtu lill-ġenituri tagħhom Nicola u Elena Caruana. Il-partijiet f'din il-kawża huma l-eredi tas-sebat aħwa hawn fuq imsemmija.

Illi r-rikorrenti, li huma uħud mill-proprjetarji tal-garaxx in kwistjoni, ma xtaqux iġeddu l-kirja ta' dan il-garaxx sakemm il-kirja ma tiżdiedx għall-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400) fis-sena. Għalhekk permezz ta' ittra datata 12 ta' Awwissu 2020 huma nfumaw lill-intimat Dun Mose' Borg li ma kinux disposti jġeddu l-kera tal-garaxx in kwistjoni meta t-terminu tal-kera jiskadi fil-31 ta' Marzu 2021, u dan sakemm il-kera ma tiġix aġġustata kif ingħad iktar 'il fuq.[5] Permezz ta' ittra oħra datata 12 ta' Mejju 2021, uħud mill-proprjetarji nterpellaw lil-intimat Borg jivvaka mill-garaxx in kwistjoni fi żmien sebat (7) ijiem. Għaldaqstant talbu lil dan il-Bord, sabiex a tenur tal-artikolu 1531H tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriprendu l-pussess tal-istess fond.

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni, l-intimat Dun Moses Borg eċċepixxa li r-rikorrenti għandhom jindikaw l-indirizz residenzjali ta' kull waħda u wieħed minnhom. Illi permezz ta' Nota ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw lista bl-indirizzi residenzjali ta' kull wieħed u waħda minnhom. Illi għalhek din l-eccezzjoni ġiet sorvolata fil-mori.

Illi permezz tat-tieni eċċezzjoni, l-intimat eċċepixxa illi xi wħud mir-rikorrenti ma jirrisjedux f'Malta iżda jirrisjedu f'pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropeja. Għaldaqstant huwa sostna li għandu jinħatar kuratur sabiex jirrapreżenta l-interessi tagħhom.

---

[5] Dokument I a fol. 77

Illi mil-lista li telenka r-rikorrenti u l-indirizzi rispettivi, esebita a fol. 20 sa 22 tal-proċess jirriżulta illi ġie ndikat illi Geoffrey sive Jeffrey Caruana, Michael Caruana, Joseph Caruana, u Helen Caruana għandhom ir-residenza tagħhom barra minn Malta.

Illi l-Bord josserva illi għalkemm din il-kawża kienet waħda kombattuta sew, ebda waħda mill-partijiet, tul il-kawża kollha, ma għamel aċċenn għal dak li ġie eċċepit mill-intimat Borg permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu. Illi pero`, naturalment, ladarba din l-eċċezzjoni ngħatat, dan il-Bord ma jistax jinjoraha. Illi madanakollu, l-prova ta' din l-eċċezzjoni kienet tispetta lill-intimat li ssollevaha. Illi kif ġia` ngħad iktar 'il fuq, wara li ġie rilevat li uħud mir-rikorrenti ma kinux jirrisjedu hawn Malta, ħadd mill-partijiet la ressaq talba biex jinħatru Kuraturi għalihom u wisq inqas tressqet xi prova kwalunkwe mill-intimat biex isostni l-eċċezjoni tiegħu. Illi għaldaqstant il-Bord qiegħed jiċħad din l-eċċezzjoni.

Illi fit-tielet lok, l-intimat eċċepixxa illi r-rikorrenti għandhom jipprovaw it-titolu tagħhom fir-rigward tal-garaxx in kwistjoni. Permezz ta' Nota ppreżentata fis-16 ta' Novembru 2021 ir-rikorrenti ppreżentaw l-arblu tar-razza tal-familja Caruana[6] u wkoll żewġ (2) kuntratti ta' bejgħ tal-4 ta' Mejju 1944 permezz ta' liema Nicola Caruana xtara l-proprjeta` fejn eventwalment bena l-fond fejn hemm l-istess garaxx.[7] Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll it-testment ta' Nicola Caruana fejn istitwixxa lis-seba' (7) uliedu bħala eredi universali.[8] Abbażi ta' dawn id-dokumenti, il-Bord huwa sodisfatt li r-rikorrenti ppruvaw it-titolu tagħhom.

Illi fir-raba' lok l-intimat eċċepixxa wkoll illi r-rikorrenti bħala ko-proprjetaji ma' terżi m'għandhomx il-jedd li jippromwovu waħidhom l-azzjoni odjerna. Illi kif jirriżulta mill-arblu tar-razza u mit-testment ta' Nicola Caruana, il-proprjetarji huma bosta, fejn ir-rikorrenti huma biss uħud mill-istess ko-proprjetarji, filwaqt li ko-proprjetarji oħra ġew ċitati bħala intimati, anke jekk f'ċertu punt uħud mill-intimati ko-proprjetarji, skont l-istess rikorrenti, urew ix-xewqa li jiġu nklużi bħala rikorrenti, talba li ma ntlaqatx minn dan il-Bord permezz ta' digriet tal-1 ta' Marzu 2022 u dana peress li tali talba kienet waħda irritwali. Iktar minn hekk, il-Bord josserva illi tali talba ma saritx mill-istess intimati konċernati iżda saret mill-istess rikorrenti.

Illi pero` anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, intlaqgħat it-talba sabiex uħud mill-intimati ibiddlu l-i*status* tagħhom għal rikorrenti, xorta waħda kien

---

[6] Dokument B a fol. 23
[7] Dokument C u D a fol. 24 *et sequitur*
[8] Dokument a fol. 47 sa 49

għad baqa' numru ta' intimati, apparti Dun Mose Borg, li huwa wkoll ko-proprjetarji. Illi għalhekk dan il-Bord se jeżamina jekk l-azzjoni tentata setgħetx issir minn uħud mill-ko-proprjetarji biss.

Illi fuq dan il-punt, matul is-snin, kien hemm deċiżjonijiet diverġenti.

Il-Bord jagħmel referenza ampja għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) deċiża fit-12 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Limited**, permezz ta' liema l-Qorti qalbet id-deċiżjoni tal-Bord li jirregola l-Kera u spjegat:

> *Qabel approfondiment tal-kwestjoni hawn agitata tajjeb li jigi precizat dak li del resto hu ben car mill-korp tar-rikors promotur illi f'dan il-kaz l-izgumbrament mitlub ma jirreferix biss ghal kwota ndiviza tal-fond lokat izda ghat-totalita` tieghu. Limitatament f'dan il-kuntest dak ragjonat mill-appellanti f'para 8 tar-rikors tal-appell taghha, ghalkemm guridikament validu ghall-finijiet ohra, ma jistax iservi ta' sostenn legali ghas-sottomissjoni principali taghha fl-aggravju interpost. Il-kirja kienet tal-fond intier u dak li qed jigi effettivament mitlub lura mir-rikorrenti huwa l-fond shih u mhux biss is-sehem jew ishma indivizi appartenenti lill-uhud mis-sidien.*
>
> *...*
>
> *Minn dak ricerkat jidher li s-sentenzi tal-Qrati taghna fuq is-suggett huma dawn li gejjin:-*
>
> *1. L-istipiti tal-gurisprudenza kondiviza mill-Bord, hi s-sentenza fl-ismijiet **"Ciantar Preziosi et –vs- Fabri et"**, Prim'Awla, 7 ta' Mejju 1879 ben segwita mis-sentenza **"Bruno noe –vs- Notaro Emanuele Lauren"**, Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Marzu 1881, li stabbilit li "uno di piu` locatori, finita la locazione, puo` domandare lo sgombramento del conduttore".*
>
> *2. Ta' l-istess fehma hi d-decizjoni fl-ismijiet **"Paolo Pace –vs- Emmanuele Zammit et"**, Prim'Awla, Qorti Civili, 29 ta' Novembru 1919. Fiha ntqal illi "il locatore compossessore con altri puo` impedire che la locazione sia rinnovata all'antico inquilino, e puo anche <u>da solo</u> domandare lo sgombramento di costui essendo l'azione indivizibile, e potendo essere esercitata per indiviso da ciascuno dei comproprietarii".*
>
> *3. It-tielet sentenza f'din is-serje izda l-aktar wahda ampja hi dik fl-ismijiet **"Ruggero Peralta –vs- Elisa Wirth"**, Appell mill-Bord, 16 ta' Novembru 1942. Fiha gie osservat illi "jekk wiehed minnhom (il-ko-proprjetarji) ikun irid jiehu pussess tal-post, ikollu d-dritt, bhala wiehed mil-lokaturi, di fronti ghall-inkwilin, u in bazi din il-ligi specjali u eccezzjonali (Ord. XXI ta' l-1931) illi*

*jagixxi wahdu biex jitlob il-permess tal-Bord biex jiehu pussess ta' dak il-post, u ma ghandux bzonn illi jagixxi ma' l-ohrajn. Infatti skond l-Art 187 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum Art 491 talKodici Civili) kull wiehed mill-konsorti ghandu dritt li juza l-haga li tkun komuni skond id-destinazzjoni taghha, u ghalhekk biex il-kompossessur tal-haga komuni jiehu pussess taghha, ma ghandux bzonn il-konkors ta' l-ohrajn, izda l-azzjoni tista' tkun tieghu wahdu".*

*Il-Qorti qeghda tissofferma ghalissa biex tirregistra l-punt illi jirrizultalha wkoll illi fl-istess zmien tal-precitati sentenzi kienet ventilata parallellament il-veduta kuntrarja. Jigifieri dik li osservat li "nulla osta in legge a che simile istanza (koncernanti zgumbrament tal-kerrej) venga inoltrata da alcuni dei consorti con citazione degli altri consorti, i quali potrebbero dimostrare le ragioni per la loro eventuale opposizione, da essere vagliate dal Tribunale" (**"Maria Teresa Zammit et –vs- Giovanni Saliba et"**, Appell Civili, 1 ta' Dicembru 1930).*

*Is-sentenza fl-ismijiet **"Carmela Scicluna xebba –vs- Rosina armla Azzopardi noe"**, Appell Civili, presjeduta mill-Onor. President Sir Anthony Mamo, 3 ta' April 1964 filwaqt li rriteniet l-osservazzjoni appena citata bhala wahda valida ghaddiet biex severament tikkritika t-tezi kuntrarja, in partikolari dik abbraccjata fid-decizjoni "Peralta –vs- Wirth".*

*Il-Qorti titlaq mill-punt illi trid tinzamm distinzjoni bejn il-kaz fejn id-detentur ikun qed jokkupa fond "minghajr titolu" u dak li jkun hekk jokkupah b'"titolu ta' lokazzjoni". F'dan l-ahhar kaz, "meta hemm diversi komproprjetarji huma kollha "lokaturi", il-kuntratt hu uniku u m'hemmx tant rapporti separati ta' bejn "inkwilini" u "lokatur" daqs kemm hemm komproprjetarji, izda l-lokazzjoni hi wahda; u meta l-ligi timponi r-rilokazzjoni timponiha bhala kontinwazzjoni jew, tigdid ta' l-istess kuntratt uniku fil-konfront tal-komproprjetarji jew lokaturi kollha, u wiehed minnhom ma jistax, wahdu, jimpedixxi dik ir-rilokazzjoni statutorja li "ex hypothesi" topera ruhha ghar-rigward tal-komproprjetarji l-ohra".*

*Issoktat tghid illi "din l-istess raguni tista' ma tapplikax meta, bejn id-diversi komproprjetarji u d-detentur, ma hemmx rapport kontrattwali, u d-detentur ikun jiddetjeni bla titolu". Hsieb dan fuq dan l-ahhar punt ta' okkupazzjoni bla titolu ricevut b'favur fid-decizjoni fl-ismijiet **"Caterina Gerada –vs- Dr. Antonio Caruana"**, App Kummerc, 28 ta' Gunju 1973 oltre d-decizjonijiet a **Vol XXI pII p433** u **Vol XXXIX pII p540**.*

*Din is-sentenza giet segwita mill-istess Qorti ta' l-Appell, din id-darba kapeggjata mill-Onor. President John Cremona, fis-sentenza fl-ismijiet **"Mary Magdalene Symes et –vs- Robert Eder noe"**, 13 ta' Gunju 1980.*

*Proprju fiha gie parafrazat il-hsieb tal-precitata sentenza illi "f'kaz ta' lokazzjoni li trid tigi terminata, l-azzjoni hi precizament tendenti ghall-mutament ta' rapport jew stat guridiku wiehed, u kwindi, l-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju. In-nuqqas ta' partecipazzjoni fil-kawza tal-komproprjetarji l-ohra, kemm bhala atturi jew bhala konvenuti, jista' jigi sostitwit bil-prova certa tal-adezjoni ta' dawk il-komproprjetarji ghad-domanda maghmula gudizzjarjament minn wiehed minnhom, izda mhux anqas minn daqshekk".*

*Premess dan li fuq gie osservat, gara li fl-1983 l-istess Qorti ta' l-Appell, minghajr lanqas minimu accenn ghad-decizjonijiet appena citati, irrivertiet ghat-tezi sostenuta f'**"Peralta vs- Wirth"** u dawk is-sentenzi l-ohra li rritenew li kull wiehed mill-konsorti ghandu dritt jitlob li jirriprendi l-pussess ta' fond komuni minghajr il-bzonn tal-konkors tal-komproprjetarji l-ohrajn. Prekursuri ta' dan ir-ritorn lura huma s-sentenzi fl-ismijiet **"Joseph Scicluna et –vs- Joseph Schembri noe"**, Appell Civili, 27 ta' Lulju 1983 u **"Angela armla ta' Anthony Sammut et –vs- Gerald Vella et"**, Appell Civili, 26 ta' Ottubru 1983 fejn il-Qorti kienet komposta mill-Onorevoli Imhallfin l-Onor President Dr. Carmelo Schembri, l-Onor Dr Carmelo Agius u l-Onor Dr. Vincent Scerri. Decizjonijiet konsegwiti mill-ohra flismijiet **"Carmelo Albani vs- Mary mart Peter Scicluna et"**, Appell Civili, 2 ta' Gunju 1988 presjeduta mill-Onor. Imhallef Hugh Harding. Minn hawn il-quddiem jidher li l-Qrati u t-tribunali taghna issoktaw isegwu din il-linja.*

*Bir-rispett kollu dovut versu dawn il-gudikati precedenti, u recensjuri, li ghandhom certament jitqiesu bl-akbar rispett, din il-Qorti, kif presjeduta, ma thossx li ghandha ssegwi dan l-orjentament. Ghall-kuntrarju, l-Qorti tinklina versu l-veduti espressi fis-sentenza **"Scicluna –vs- Azopardi"** (ibid.) billi tirrikonoxxi fl-argomentazzjoni analisi guridika aktar valida u rafforzanti minn ta' dawk li pprecedewha jew ta' dawk li regghu optaw ghas-soluzzjoni ta' dawk l-istess decizjonijiet anterjuri.*

*Issa huwa veru illi principju accettat ma ghandux jitbiddel spiss jew bla raguni, izda huwa ugwalment car illi dan ma ghandux ifisser ukoll illi l-principju, darba affermat u accettat, ma jista' jinbidel qatt. Wara kollox fis-sistema taghna l-ebda gudikant ma hu marbut bil-precedent. Multo magis, imbaghad, jekk wara rikonsiderazzjoni debita jsib ruhu fl-impossibilita` li jsegwi dak ritenut fil-gurisprudenza ta' dawn l-ahhar snin.*

*Verament il-lanjanza ta' pregudizzju accennata mill-appellati fil-korp tar-risposta taghhom fis-sens illi huma ma ghandhomx jigu inceppati fil-prosegwiment tad-dritt taghhom mill-interessi personali ta' xi komproprjetarju*

*interessat tinsab imwiegba sew fil-parti konklussiva ta' dik is-sentenza("**Scicluna –vs- Azzopardi**"):*

*"L-ilment kien ikun veru u gustifikat kieku l-kunsens tal-komproprjetarji l-ohra kien l-uniku kondizzjoni inderogabbli. Imma l-fatt mhux hekk. Jekk hemm il-kunsens, sta bene u xejn aktar m'hu mehtieg. Pero` jekk il-kunsens ma hemmx, ghax il-komproprjetarji l-ohra – ingustament jew kapriccjozament, jew negligentement, kif jidhirlu l-komproprjetarju li jrid jagixxi – ma tawhx, allura hu bizzejjed li hu jiccithom fil-kawza. Il-kunsens jew adezjoni ghat-talba, certament ma jistghux jigu ottenuti kontra r-rieda u kien ikun ingust li tassoggetta lill-komproprjetarju agenti ghalih b'mod illi r-rifjut ta' dak il-kunsens kien ikun jista' jiffrustra u jipparalizza l-ezercizzju tad-drittijiet tieghu. Izda meta dak il-kunsens jonqos, m'hemm xejn li jista' jimpedixxi c-citazzjoni fil-kawza, u din mhiex haga li l-komproprjetarji recitenti jew traskurati jistghu jinjoraw jew jimpedixxu".*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell tas-socjeta` intimata u allura l-eccezzjoni tan-non-integrita`, tirrevoka d-decizjoni appellata u in vista tal-premess tillibera lill-istess socjeta` appellanti mill-osservanza tal-gudizzju. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.*

Finalment il-Bord jagħmel referenza għal deċiżoni iktar riċenti mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), fl-ismijiet ***Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs Joseph Piccinino et*** deċiża fis-7 ta' Ottubru 2016 fejn il-Qorti osservat *"Bir-ragunament tal-appellati, ikun ifisser li diment li m'hemmx qbil mis-sidien kollha, kawza ghal zgumbrament minhabba ksur ta' obbligazzjonijiet ma qatt issir. Fil-fehma tal-qorti din hi sitwazzjoni assurda u taf taghti lok ghal hafna abbuz u ghal sitwazzjoni fejn koproprjetarju jsib ruhu fi stalemate ghas-semplici raguni li s-sidien l-ohra ma jagħtux kaz jew addirittura joggezzjonaw li jiehdu passi. Kull koproprjetarju ghandu l-interess personali xi jissalvagwardja. Id-drittijiet tas-sidien li ma jatux il-kunsens mhux ser jigu ppregudikati, peress li ghandhom kull opportunita li jipprezentaw eccezzjonijiet u jressqu provi u argumenti biex jikkonvincu lill-Bord ghalfejn it-talba ghall-izgumbrament ghandha tigi michuda".*

L-istess Qorti għamlet ukoll referenza għad-deċiżjoni ċitata iktar 'il fuq fl-ismijiet ***Scicluna vs Azzopardi*** u qalet *"Dak il-kaz ukoll kien jitratta proceduri quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera sabiex sid il-kera jigi awtorizzat ma jgeddidx il-kirja. Il-Qorti tal-Appell ghamlitha cara li fejn xi hadd mis-sidien jonqos milli jaghti l-kunsens tieghu, kull ma kellhom jaghmlu s-sidien l-ohra kien li jipprezentaw il-kawza u jharrku wkoll lis-sidien li ma jkunux taw il-kunsens taghhom. Ovvjament dan irrispettivament mir-raguni ghalfejn ma jkunux taw il-kunsens biex isiru proceduri kontra l-inkwilin".*

Illi dan il-Bord jirrileva illi l-ko-proprjetarji kollha tal-garaxx in kwistjoni huma parti f'din il-kawża, min bħala rikorrent u min bħala intimat. Illi għaldaqstant, anke fid-dawl tas-sentenzi ċitati hawn fuq, huwa jtendi jaqbel mal-fehma illi ladarba l-ko-proprjetarji, b'mod jew ieħor, huma kollha preżenti fil-kawża, l-azzjoni kif proprosta hija waħda ritwali u għaldaqstant ir-raba' eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni, l-istess ġiet sorvolata peress li r-rikorrenti ċedew it-talbiet tagħhom sabiex dan il-Bord jillikwida l-arretati tal-kera.

Illi għalhekk il-Bord se jdur fuq il-mertu tal-azzjoni, u ċioe` t-talba għall-iżgumbrament fil-konfront ta' Dun Moses Borg ai termini tal-artikolu 1531H tal-Kodiċi Civili li fis-subartikolu (1) jgħid hekk:

*(1) Fil-każ ta' garaxxijiet mikrija qabel l-1 ta' Ġunju,1995 li ma jiffurmawx parti minn dar mikrija lill-inkwilin bħala residenza ordinarja u li mhumiex meqjusa bħala fond kummerċjali, fin-nuqqas ta' ftehim li jgħid mod ieħor ma jkun hemm ebda dritt ta' tiġdid tal-kirja wara l-1 ta' Ġunju, 2010.*

Mill-provi jirriżulta illi l-intimat Dun Moses Borg iddikjara li l-aħħar li daħal fil-garaxx in kwistjoni kien fl-1964 u lanqas kien jaf min kien qed iħallas il-kera u li oħtu Doris tieħu ħsieb l-affarijiet. Dwar l-ittri tat-12 ta' Awwissu 2020 u tat-12 ta' Mejju 2021 ma kienx ċert jekk qattx irċevihom. Mill-atti jirriżulta wkoll illi fir-rigward tal-garaxx in kwistjoni, ġew ippreżentati s-segwenti Ċedoli ta' Depożiti u ċioe`:

2008 u 2009 – ġiet depożitata l-kera minn Carmelo Muscat a favur Rev. Moses Borg pro et nomine;[9]
2011 u 2012 – ġiet depożitata l-kera minn Rev. Moses Borg pro et nomine favur Carmelo Muscat;[10]
2014 – 2018 – ġiet depożitata l-kera mir-Rev. Moses Borg favur Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa;[11]
2021 – ġiet depożitata l-kera mir-Rev. Moses Borg favur Dr. Joseph Ellis;[12]
2022 - ġiet depożitata l-kera mir-Rev. Moses Borg favur Dr. Joseph Ellis bħala Kuratur nominat.[13]

---

[9] A fol. 79 u 80
[10] A fol. 81 u 82
[11] A fol. 83 sa 87
[12] A fol. 88
[13] A fol. 134

Illi l-Bord iqis li dawn id-depożiti ma saru b'mod feliċi xejn l-ewwel u qabel kollox għaliex ma jirriżultax illi s-sidien tal-garaxx in kwisjtoni ma kinux magħrufa, u għaldaqstant ma kien hemm ebda ħtieġa li jiġu nominati Kuraturi sabiex jirrapreżentawhom, u fit-tieni lok għaliex mix-xhieda tar-Rev. Moses Borg ma jirriżultax illi huwa qatt ried jiddepożita xi kera l-Qorti. Lanqas ma jirriżulta illi l-istess Borg kien qiegħed jiddepożita l-istess kera għan-nom ta' ħaddieħor. Illi minkejja dan kollu, dawn il-fatti ftit li xejn se jimpinġu fuq il-mertu ta' din il-kawża li għandha bħala għan prinċipali l-iżgumbrament ta' Dun Moses Borg abbażi ta' artikolu 1531H tal-Kodiċi Civili.

Illi skont dak li xehdet Doris Giordmaina, il-garaxx in kwistjoni kien mikri lill-ġenituri tagħha fil-bidu tas-snin sittin li kienu joqogħdu wkoll fid-dar biswit. In oltre ddikjarat illi llum il-ġurnata l-istess garaxx jintuża minn kuġinuha Carmelo Muscat u jifforma parti mid-dar mikrija lilu.

Illi mir-riċevuti tal-kera esebiti mal-affidavit ta' Doris Giordmaina jirriżulta illi l-garaxx in kwisjtoni kellu ktieb tal-kera għalih, u dan ċertament sa mis-sena 1964 fejn l-inkwilin jirriżulta li kien Carmelo Borg, missier Doris Giordmaina u Rev. Moses Borg, fost oħrajn.[14] Kif ġie rilevat iktar 'il fuq, bħala stat ta' fatt jirriżulta li llum il-ġurnata l-garaxx jagħmel użu minnu Carmelo Muscat, li jabita fil-fond biswit u li jiġi kuġin ta' Doris u Dun Moses Borg. Jirriżulta wkoll illi snin ilu, d-dar fejn jabita Carmelo Muscat kienu jabitaw fiha l-familja ta' Dun Moses Borg u n-nannu tagħhom kien partilhom id-djar pero` l-garaxx kien baqa' mikri lill-familja ta' Dun Moses Borg.

Illi minn kif jirriżultaw il-fatti, il-Bord huwa konvint illi l-garaxx ma jiffurmax parti mill-kirja tal-fond fejn jabita Carmelo Muscat, iżda huwa kirja indipendenti, anke jekk f'xi żmien l-istess garaxx kien jinfed mal-fond 65, Triq Sant Andrija, Ħal-Lija. Għaldaqstant il-Bord huwa tal-fehma illi l-kirja ta' dan il-garaxx ma hijiex protetta ai termini tal-artikolu 1531 H tal-Kodiċi Civili, u dana proprju għaliex ma jiffurmax parti minn dar ta' abitazzjoni, iktar u iktar meta l-inkwilini taż-żewġ fondi, u ċioe` tad-dar residenzjali u tal-garaxx in kwistjoni, huma persuni differenti.

Għal dawn il-motivi l-Bord huwa tal-fehma illi il-garaxx mertu tal-kawża ma jistax jitqies illi igawdi l-protezzjoni mogħtija fl-artikolu 1531H(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi **ma jiffurmax parti integrali minn xi residenza ordinarja mikrija lill-intimati.**

Illi fl-aħħarnett il-Bord josserva illi għalkemm fil-kawża ġew ċitati għadd ta' intimati, it-talbiet tar-rikorrenti għall-iżgumbrament mill-garaxx in kwistjoni

---

[14] A fol. 160 *et sequitur*

ġew diretti biss fil-konfront ta' l-intimat Dun Moses Borg. Għalhekk, filwaqt li jista' jagħti l-każ li kirja *de quo* kienet intirtet mill-eredi kollha ta' Carmelo Borg, dan il-Bord jista' jippronunzja ruħu biss fil-konfront ta' Dun Moses Borg.

**DECIDE**

Għaldaqstant il-Bord, għar-raġunijiet hawn fuq indikati, qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-talbiet (c) u (d) fir-rikors promutur stante li dawn ġew ċeduti mir-rikorrenti fid-29 ta' April 2024 u għaldaqstant, in vista ta' din iċ-ċessjoni, jastjeni milli jieħu wkoll konjizzjoni ulterjuri tal-ħames eċċezzjoni;
2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat stante li din ġiet sorvolata fil-mori;
3. Jilqa' t-talbiet (a) u (b) fir-rikors promutur u għaldaqstant jiddikjara li l-intimat Dun Moses Borg m'għandux il-jedd ikompli jġedded il-kirja tal-garaxx bin-numru sitta u sittin (66), Triq Sant Andrija, Ħal-Lija u għalhekk jipprefiġġi terminu ta' tletin (30) ġurnata sabiex l-intimat Dun Moses Borg jiżgombra mill-imsemmi garaxx;
4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, ħlief dawk relatati mat-talbiet (c) u (d) fir-rikors promutur.

---

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**